# IT-TRINITÀ QADDISA

**L-1 QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Proverbji**
**Prov 8, 22-31**

Dan jgħid il-Għerf ta' Alla:
Il-Mulej ħalaqni fil-bidu ta' għemilu,
sa minn qabel l-eqdem għemejjel tiegħu.
Sa minn dejjem twaqqaft,
mill-bidu, qabel ma nbdiet l-art.
Twelidt meta kien għad m'hemmx l-ibħra l-kbar,
meta kien għad m'hemmx għejun inixxu l-ilma;
qabel ma tqiegħdu l-muntanji,
qabel il-għoljiet twelidt.
Kien għadu ma għamilx l-art u r-raba',
anqas l-ewwel traba tad-dinja;
meta hejja s-smewwiet, hemm kont jien;
meta ħażżeż dawra fuq wiċċ il-baħar kbir,
meta saħħaħ is-sema hemm fuq,
meta qawwa l-egħjun tal-baħar kbir;
meta qiegħed tarf lill-baħar
biex l-ilmijiet ma jaqbżux trufhom;
meta xeħet is-sisien ta' l-art,
jien kont maġenbu, tfajjel għażiż,
l-għaxqa tiegħu, jum wara l-ieħor,
nitliegħeb il-ħin kollu quddiemu;
nitliegħeb fost dawk li jgħammru f'artu,
nitgħaxxaq bil-bnedmin.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 8**
**Mulej Alla tagħna,**
**kemm hu kbir ismek fl-art kollha!**

Meta nħares lejn is-smewwiet,
opra ta' subgħajk,
il-qamar u l-kwiekeb li qegħidt fihom!
X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih,
bin il-bniedem, biex taħseb fih?

**R/. Mulej, Alla tagħna,**
**kemm hu kbir ismek fl-art kollha!**

Għamiltu ftit inqas mill-allat,
bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu.

qegħidtu fuq l-għemejjel kollha ta' jdejk!

**R/. Mulej, Alla tagħna,**
**kemm hu kbir ismek fl-art kollha!**

Kollox qegħidt taħt riġlejh:
ngħaġ u baqar, ilkoll kemm huma,
sal-bhejjem tax-xaghri,
sa l-għasafar ta' l-ajru u l-ħut tal-baħar,
kull ma jterraq fil-baħar.

**R/. Mulej, Alla tagħna,**
**kemm hu kbir ismek fl-art kollha!**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu**
**lir-Rumani Rum 5, 1-5**

Ħuti: Issa li għandna l-ġustifikazzjoni bil-fidi, għandna s-sliem ma' Alla permezz ta' Sidna Ġesù Kristu; li bih nidħlu għal din il-grazzja li fiha ninsabu issa. Aħna niftaħru minħabba fit-tama li għandna li għad niksbu l-glorja ta' Alla.
U mhux biss dan, imma niftaħru wkoll bis-sofferenzi, għax nafu li s-sofferenza ġġib is-sabar, is-sabar iġib il-prova, u l-prova ġġib t-tama. U t-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fina permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH.**
**HALLELUJAH HALLELUJAH**
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu,
lil Alla li hu, li kien, u li ġej.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Ġwann**
**Ġw 16, 12-15**

F'dak iż-żmien: Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Baqagħli ħafna ħwejjeġ x'ngħidilkom, imma għalissa ma tifilħux terfgħuhom. Meta jiġi hu, l-Ispirtu tas-sewwa, imexxikom lejn is-sewwa kollu; għax hu ma jitkellimx minn rajh, imma jgħidilkom dak kollu li jisma', u jħabbrilkom il-ġejjieni. Hu jsebbaħni, għax jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom. Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi. Għalhekk għidt li jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom."

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**It-tifħir lilek Kristu.**